**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**Illum l-24 ta' Awwissu 2021**

**Kaz. Nru; 183-79**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Ernest Galea**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Ernest Galea ta' erbgha u sittin (64) sena iben Agostino u Maria xebba Mifsud, residenti fil-fond 'Ghibli Court' Flat 3, Triq il-Kannizzata, Balzan, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0163756M bhala Direttur tal-kumpanija EG Trading Limited (C-15219) senjatament akkuzat talli;

1. Bhala Direttur tas-socjetea EG Trading Ltd, agent tal-bastiment u tal-kaptan, naqas milli jottempera ruhu ghal-obbligi tieghu taht l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) 404/2011 billi l-apparati tal-lokalizzazzjoni permezz tas-satellita ma kinux operattivi;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostranzi bhala Direttur tas-socjeta EG Trading Ltd, Agent tal-bastiment u tal-kaptan, naqas milli jottempera mal-obbligi tieghu taht l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) 1005/2008 talli naqas li jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-port jew facilitajiet ta' zbark mill-inqas tlett ijiem ta' xoghol qabel il-hin tal-wasla mistenni tal-bastiment fil-port.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti skont l-artikoli 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti ezebieti fl-atti processwali odjerni;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat li mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni ma jirrizultax ippruvat in-ness bejn l-imputat u l-bastiment suggett tal-imputazzjonijiet odjerni ;

Ghaldaqstant, dina l-Qorti, wara li regghet rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tal-imputat u l-artikoli tal-ligi relevanti, senjatament l-artikolu 20 tar-Regolament (KE)404/2011 u l-artikolu 6 tar-Regolament (KE) 1005/2008, fuq nuqqas ta' provi, qed tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur